MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 443/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Stephen J. Gatt)**
**Vs**
**Joseph Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta’ Novembru 2008 u s-sitt xhur qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru d-disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-uzu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-

Drogi Perikolu¿i (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolu¿i Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-u¿u tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, kif ukoll l-artikolu 17H tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta' l-artikolu 17H tal-Kap. 9 kif diga' intqal iktar 'l fuq.
Dwar il-piena, l-Qorti rat li l-appellant huwa totalment reformat u li ghen lill-pulizija tant li ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti kkundannat lill-appellant ghal sitt xhur prigunerija u ghal hlas ta’ €468, liema multa tista’ tithallas b’rati ta’ €50 fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat. Jekk xi pagament ma jsirx, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti mil-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kontra tieghu, minflok tvarja l-piena nflitta w tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi tenut kont tar-riduzzjoni fil-piena dovuta ghal applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-minimu tal-piena karcerarja applikabbli huwa dak ta’ xahar prigunerija.
Illi jezistu diversi ragunijiet illi ser jigu elenkati illi l-appellant ihoss li jintitolawh ghal applikazzjoni ta’ piena karcerarja fil-minimu taghha, w dan peress illi :
a) huwa first offender, u kif jirrizulta mill-atti processwali huwa ghandu fedina penali netta;
b) huwa ma ghandu l-ebda kazijiet ohra pendenti;
c) Il-koperazzjoni assoluta tieghu waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija fejn fil-fatt il-prova principali li fuqha strahet il-prosekuzzjoni, kienet proprju l-istqarrija dettaljatissima illi huwa rrilaxxa ma’ l-awtoritajiet investigattivi;
d) Illi l-koperazzjoni tieghu ma waqfitx biss sa l-istadju ta’ l-investigazzjoni izda ssoktat ukoll meta huwa ddepona fi proceduri ta’ terzi fil-konfront ta’ min allegatament kien fornih bis-sustanzi llegali;
e) L-ammissjoni bikrija fil-proceduri odjerni minghajr il-bzonn li jiddeponu x-xhieda tal-prosekuzzjoni;

f) Ir-riforma totali u assoluta ta' l-appellant kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Victoria Scicluna fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2009.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha maghdudin flimkien, l-appellant, umilment jirrileva illi kien jimmeritah piena, li mhux biss tqarreb sew lejn il-minimu, izda proprju, fil-minimu taghha.
Illi jekk ghal kull bon fini l-Qorti thoss illi sabiex tkun f'posizzjoni ahjar, tikkalibra l-piena gusta fil-kaz odjern, ikun xieraq illi jithejja pre-sentencing enquiry report, l-appellant minn issa jiddikjara illi huwa dispost jissottometti ruhhu ghal dan ir-rapport kif ukoll ghal kull ordni iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Ikkunsidrat :

Illi dan hu appell limitat ghall-piena.

L-appellant issottometta illi kien vittma ta' cirkostanzi w il-hbieb illi wassluh biex kiser difru mal-Ligi u akkuzat b'reati kontra l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-argument principali tal-appellant ghal varjazzjoni fil-piena hu illi ghin il-prosekuzzjoni, ghandu kondotta netta w peress illi ammetta l-akkuzi, l-Qorti kellha tiehu dawn fil-konsiderazzjonijiet taghha w mhux tinflitti piena karcerarja illi se tkun detrimentali ghal appellant, aktar u aktar illi issa qabad it-triq it-tajba.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi l-Ewwel Qorti qieset ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif ukoll l-argumenti illi l-appellant gab quddiemha. Gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti l-ammissjoni tal-appellant ma kienitx fi stat bikri ta' proceduri izda wara sena.

Fi kwalunkwe kaz il-piena kienet fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk trid tkun konfermata.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti fliet l-atti tal-process kif ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti u sabet illi din is-sentenza hija wahda motivata fejn l-Ewwel Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha inkluz il-fatt illi l-appellant ghin il-prosekuzzjoni w applikat fil-konfront tieghu l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

L-istess argumenti illi l-appellant gab quddiem din il-Qorti gabhom ukoll quddiem l-Ewwel Qorti u fis-sentenza taghha irriproduciet dawn l-argumenti u spjegat il-ghaliex kellha tinfliggi piena karcerarja w mhux mod iehor. Dana apparti l-fatt illi l-Ligi stess tipprojbixxi l-Qorti milli taghti sentenza mod iehor minn dak illi effettivament tat.

Kif gie ribadiet diversi drabi *"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha."*

Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Innotat principalment il-fatt illi l-Ewwel Qorti qieset ukoll li l-imputat huwa totalment reformat, ghin lill-Pulizija tant li kellu jibbenefika mill-artikolu 29 fuq imsemmi. Ghalhekk mhux il-kaz li l-ewwel sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------